VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 125 tal-2012

L-ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ADOZZJONI (KAP. 495)
Regolamenti tal-2012 dwar l-Akkreditament ta' Aġenziji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, il-Ministru responsabbli għall-politika soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti tal-2012 dwar l-Akkreditament ta' Aġenziji.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:-

"aġenzija akkreditata" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495

"applikazzjoni" tfisser il-formula elenkata fl-Iskeda ma' dawn ir-regolamenti;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495

"awtorità ċentrali" tfisser l-Awtorità stabbilita bis-saħħa tal-artikolu 7 tal-Att.

Forniment ta' informazzjoni indikat fl-applikazzjoni.

3. Kull min japplika għandu jipprovdi lill-awtorità ċentrali bl-informazzjoni indikat fl-applikazzjoni fl-Iskeda fir-rigward ta' kull talba magħmula skont l-Att.

Forniment ta' assistenza mill-awtorità ċentrali.

4. L-awtorità ċentrali għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku l-formuli ta' applikazzjoni fis-sit tagħha jew *online* fuq il-*website* tagħha u għandha tassisti lill-applikanti sabiex jimlew il-formuli u għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont il-każ.

Komunikazzjoni jiet mill-awtorità ċentrali.

5. L-awtorità ċentrali għandha tinnotifika u tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-applikanti bil-miktub jew bil-posta elettronika, skont il-każ, u għandha, meta tingħata akkreditament lil xi organizzazzjoni, toħroġ Ċertifikat ta' akkreditament skont l-artikolu 12 tal-Att.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Rifjut ta' applikazzjoni.

6. L-awtorità ċentrali għandha d-dritt li tirrifjuta applikazzjoni għall-akkreditament minn organizzazzjoni skont l-artikolu 13 tal-Att:

Iżda l-organizzazzjoni għandu jkollha d-dritt tappella kontra dan ir-rifjut kif provdut fl-artikolu 13(2) tal-Att.

Revoka ta' akkreditament.

7. L-awtorità ċentrali għandha d-dritt li tirrevoka l-akkreditament ta' aġenzija f'kull waqt skont l-artikolu 13 tal-Att:

Iżda l-aġenzija għandu jkollha d-dritt tappella kontra din ir-revoka kif provdut fl-artikolu 14 tal-Att.

SKEDA
Applikazzjoni għall-Akkreditament ta'
Aġenziji tal-Adozzjoni
[Regolament 3]

VERŻJONI ELETTRONIKA

AWTORITÀ ĊENTRALI - MALTA

Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni
(Kap. 495)

DIPARTIMENT GĦAL *STANDARDS* FIL-ĦARSIEN SOĊJALI
MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA, KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U L-FAMILJA

Bugeia Institute, 469, Triq il-Kbira,
St. Venera, SVR 1012 Malta
Tel. (356) 22788000– Fax: (356) 22788260
Website: www.welfarestandards.gov.mt / E-mail: welfare.standards@gov.mt

Applikazzjoni għall-Akkreditament ta' Aġenziji tal-Adozzjoni

Isem tal-Aġenzija tal-Adozzjoni:

Indirizz tal-Aġenzija tal-Adozzjoni:

☐ *Jekk jogħġbok immarka jekk l-Aġenzija tal-Adozzjoni topera minn dan l-indirizz u jekk dan hu l-istess indirizz uffiċċjali għall-korrispondenza.*

PARTI I - DETTALJI TAL-AĠENZIJA TAL-ADOZZJONI

ISEM TAL-AĠENZIJA TAL-ADOZZJONI:		
INDIRIZZ TAL-AĠENZIJA TAL-ADOZZJONI:		
STATUS TAL-AĠENZIJA TAL-ADOZZJONI	ORGANIZZAZZJONI PRIVATA ☐	ORGANIZZAZZJONI PUBBLIKA ☐
TEL:	FAX:	INDIRIZZ ELETTRONIKU:

Dettalji tal-Organizzazzjoni li tagħha tagħmel parti l-Aġenzija tal-Adozzjoni (jekk applikabbli):

ISEM TAL-ORGANIZZAZZJONI:		
ATTIVITÀ PRINĊIPALI:		
INDIRIZZ:		
TEL:	FAX:	INDIRIZZ ELETTRONIKU:
DATA TA' META TWAQQFET:	REĠISTRAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI MAL-AWTORITÀ KOMPETENTI:	

Niżżel l-ismijiet tal-*Partners*, Diretturi, Membri tal-Bord/*Trustees* tal-Organizzazzjoni li tagħha tagħmel parti l-Aġenzija tal-Adozzjoni (jekk applikabbli):

ISEM:	POSIZZJONI:

ISEM IL-PERSUNA LEGALMENT RESPONSABBLI MILL-AĠENZIJA TAL-ADOZZJONI:		
POŻIZZJONI FI ĦDAN L-ORGANIZZAZZJONI:		
NUMRU TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ:	TITOLU: SINJURA/ SUR/OĦRAJN	INDIRIZZ ELETTRONIKU:
NUMRU TAT-TELEFON TAL-UFFIĊĊJU:	MOBAJL:	FAX:
INDIRIZZ:		
EHMEŻ ĊERTIFIKAT DETTALJAT TAL-KONDOTTA TAL-PERSUNA LEGALMENT RESPONSABBLI ☐		

ISEM IL-PERSUNA LI TMEXXI L-AĠENZIJA TAL-ADOZZJONI:			
ID:	TITOLU: SUR/ SINJURA/OĦRAJN	NOMENKLATURA:	
NUMRU TAT-TELEFON TAL-UFFIĊĊJU:	MOBAJL:	NUMRU TA' EMERĠENZA:	FAX:
INDIRIZZ:			
E-MAIL:			
KOPJA TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ ☐	*CURRICULUM VITAE* ☐	ĊERTIFIKAT DETTALJAT TAL-KONDOTTA ☐	
KOPJA AWTENTIKATA TAĊ-ĊERTIFIKATI TAL-KWALIFIKI:			
ISEM U DETTALJI TA' KUNTATT TA' ŻEWĠ REFERENZI			
	REFERENZA 1	REFERENZA 2	
ISEM			
INDIRIZZ			
TEL/MOBAJL			
INDIRIZZ ELETTRONIKU			
XOGĦOL			

Indika x'tipi ta' servizzi huma offruti mill-Aġenzija tal-Adozzjoni:

TIP TA' SERVIZZ TA' ADOZZJONI	ADOZZJONI LOKALI: ☐	ADOZZJONI BEJN PAJJIŻ U IEĦOR: ☐	ADOZZJONI MIFTUĦA: ☐
ĦINIJIET TAL-FTUĦ TAL-AĠENZIJA			

Binja li minnha topera l-Aġenzija:

DESKRIZZJONI TAL-UFFIĊINI LI JINTUŻAW MILL-AĠENZIJA		
	NUMRU	DESKRIZZJONI
UFFIĊĊJI:		
KMAMAR TAL-KONFERENZI:		
AREAS AMMINISTRATTIVI:		
FAĊILITAJIET TA' TAĦRIĠ U LAQGĦAT:		

Struttura tal-*Management* tal-Organizzazzjoni

Jekk jogħġbok ipprovdi kopja tal-*organizational/management chart* tal-aġenzija

Dettalji dwar l-I*staff*:

Agħti dettalji tal-membri tal-I*staff*; inkludi lil *management*, u staff professjonali u amministrattiv

Isem u Kunjom	Numru Tal-karta Tal-identità	Pożizzjoni	Età'	R/M	Sigħat ta' ħidma fil-ġimgħa	Kwalifiki	Esperjenzi/ħiliet	Numru ta' Reġistrazzjoni Tal-mandat Professjonali (Fejn Applikabbli)

Jekk hemm bżonn għamel kopja u ehmeż ma' din l-applikazzjoni.

Taħriġ tal-Is*taff*:
Agħti dettalji tat-taħriġ li jsir għall-ħaddiema fi ħdan l-aġenzija

Taħriġ ta' Induzzjoni	
Taħriġ Kontinwu tal-Iżvilupp tal-Kompetenzi tal-Ħaddiema	
Attendenza Regolari Mill-I*staff* għall-Konferenzi u *Seminars* Lokali u Internazzjonali	

Dettalji Finanzjarji:

Jekk jogħġbok ehmeż pjan finanzarju ta' tlett snin tal-aġenzija: inkludi fih dettalji ta' dħul, ħlasijiet u pagi tal-i*staff*, spejjeż relatati ma' taħriġ tal-i*staff,* spejjeż fissi u spejjeż relatati mal-klijenti tas-servizz

PARTI II - DETTALJI TAS-SERVIZZ TAL-ADOZZJONI

Fażi 1	**1(a) L-ewwel kuntatt u l-preparazzjoni tal-Ġenitur/i addottiv/i prospettiv/i** **1(b) L-ewwel taħriġ tal-Ġenitur/i addottiv/i prospettiv/i**
Fażi 1(a)	*L-ewwel kuntatt u l-preparazzjoni tal-Ġenitur/i Addottiv/i u l-preparazzjoni tal-Ġenitur/i Addottiv/i Prospettiv/i*
Agħti dettalji u ehmeż kopja tal-politika u proċeduri tal-Aġenzija tal-ewwel kuntatt u jekk l-Ġenitur/i Addottiv/i Prospettiv/i humiex adatti	
Ehmeż kopja tal-pakkett ta' informazzjoni mogħtija lill-Ġenitur/i Addottiv/i Prospettiv/i	
Fażi 1(b)	L-ewwel taħriġ tal-Ġenitur/i addottiv/i prospettiv/i
Agħti dettalji u ehmeż kopja tal-politika u proċeduri tal-Aġenzija tal-ewwel taħrig lill-Ġenitur/i Addottiv/i Prospettiv/i	
Ehmeż kopja tal-programm ta' taħriġ lill-Ġenitur/i Addottiv/i Prospettiv/i	

Fażi 2	***Assessment* tal-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i**
Agħti d-dettalji u ehmeż kopja tal-politika u l-proċeduri tal-Aġenzija fuq il-proċess tal-*assessment* għall-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i	
Ehmeż kopja tal-*format* tal-*Home Study Report*	

Fażi 3	**Tqabbil tat-tfal mal-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i**
Agħti d-dettalji u ehmeż kopja tal-politika u l-proċeduri tal-Aġenzija tal-proċess fuq it-tqabbil tat-tifel/tifla ma' ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i	
Ehmeż kopja tal-Ftehim tal-Adozzjoni	

Skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' l-Adozzjoni (Kap. 495), il-politika u l-proċedura tal-proċess tiegħek fuq it-tqabbil tat-tifel/tifla mal-ġenitur/i adottiv/i għandha tinkludi:

Kriterji tat-tqabbil tal-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i mat-tfal li għandhom jitqiegħdu għall-adozzjoni
Kriterji tat-tqabbil ta' meta l-aħwa jitqiegħdu mal-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i
Kriterji tat-tqabbil sabiex tqiegħed ġenitur li hu/hi minuri mat-tfal tiegħu/tagħha, mal-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i
Kriterji tat-tqabbil biex jiżguraw li kull tqegħid tal-adozzjoni se jkun fl-aħjar interess tat-tfal

Fażi 4	**4(a)(b)(ċ) Appoġġ, Monitoraġġ u Terminazzjoni tal-'*Placements'* tal-Adozzjoni** **4(d) Taħriġ kontinwu għall-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i**
Fażi 4(a)	*Appoġġ għall-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i*
Agħti d-dettalji u ehmeż kopja tal-politika u l-proċeduri tal-Aġenzija fuq l-appoġġ għall-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i waqt il-'*placement'* tal-adozzjoni.	
Fażi 4(b)	*Monitoraġġ tal-'*placements*' tal-Adozzjoni*
Agħti d-dettalji u ehmeż kopja tal-politika u l-proċeduri tal-Aġenzija fuq il-monitoraġġ *tal-'placements' tal-Adozzjoni*	
Ehmeż kopja tal-rapport ta' wara l-adozzjoni	
Fażi 4(c)	*Terminazzjoni tal-'*Placements*' tal-Adozzjoni*
Agħti d-dettalji u ehmeż kopja tal-politika u l-proċeduri tal-Aġenzija fuq it-Terminazzjoni tal-'*Placements*' tal-Adozzjoni	

Fażi 4(d)	*Taħriġ kontinwu għall-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i*
Agħti d-dettalji u ehmeż kopja tal-politika u l-proċeduri tal-Aġenzija fuq it-taħriġ kontinwu għall-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i	
Ehmeż kopja tal-programm tal-Aġenzija fuq it-taħriġ kontinwu għall-ġenitur/i adottiv/i prospettiv/i	

Politika u Proċeduri tal-Aġenzija ta' Adozzjoni /Manwal ta' Proċeduri:

Jekk jogħġbok immarka fejn applikabbli

		Jekk mehmuż mal-formola ta' applikazzjoni:	Fil-proċess ta' żvilupp
	Organizzazzjoni		
1	Dikjarazzjoni tal-missjoni tal-aġenzija		
2	Skop u Għanijiet		
3	Struttura tal-Organizzazzjoni		
4	Identità legali		
5	Deskrizzjonijiet tal-Pożizzjoni		
6	Politika ta' Protezzjoni tad-*Data*		
	Adozzjoni		
1	Tipi ta' Adozzjoni (spjegazzjoni qasira ta' kull tip ta' adozzjoni)		
2	Membri tal-bord f'għażla tal-i*staff*		
3	Reklutaġġ tal-i*staff*		
4	Verifikazzjoni tal-i*staff*		
5	Taħriġ tal-i*staff*		
6	Kriterji għall-aċċettazzjoni ta' ġenituri adottivi prospettivi biex jaddottaw		
7	Reġistazzjoni tal-ġenituri adottivi prospettivi		
8	Verifikazzjoni tal-ġenituri adottivi prospettivi		
9	Taħriġ preparatorju għall-ġenituri adottivi prospettivi		
10	Rapporti ta' *assessment* dwar il-ġenituri addottivi prospettivi		
11	Reġistazzjoni tal-ġenituri adottivi prospettivi		
12	*Home Study Reports*/rapporti ta' wara l-adozzjoni/rapporti għal Qrati		
13	Kriterji ta' tqabbil għal/bejn tfal mal-ġenituri addottivi prospettivi		
14	*Placement* għall-adozzjoni tal-aħwa		
15	Preparazzjoni għal perjodu tranżitorju tat-tfal waqt *placement* ta' adozzjoni (jekk applikabbli)		
16	Ftehim tal-adozzjoni		
17	Żamma tal-informazzjoni dwar il-ġenituri addottivi prospettivi u t-tfal addottivi		

20	Valutazzjoni ta' tibdil f'ċerti ċirkostanzi tal-ġenituri addottivi prospettivi		
21	Aġġornar tal-*Home Study Report*		
22	Preparazzjoni ta' rapport ta' wara l-adozzjoni		
	Xogħol l-Aġenzija		
1	Allokazzjoni tal-Każijiet		
2	*Caseload* ta' kull Ħaddiem Soċjali		
3	Moniteraġġ ta' tfal adottati kif mitlub minn pajjiżi differenti		
4	Sapport għal ġenitur/i adottivi		
5	Sapport għal tfal adottati		
6	Gruppi ta' sapport għal tfal adottati		
7	Gruppi ta' sapport għal ġenituri adottivi		
8	''*Files''* individwali ta' tfal adottati		
9	Żamma ta' *records*		
10	Kuntatt ta' tfal adottati ma' membri tal-familja naturali (fejn applikabbli)		
11	Tmiem ta' *adoption placement*		
12	Bidla f'*adoption placement*		
13	Policy dwar Protezzjoni tat-tfal		
	Rapporti		
1	Rapporti minn tfal adottati kontra ġenituri adottivi		
2	Rapporti minn tfal kontra ħaddiema tal-aġenzija tal-adozzjoni		
3	Rapporti minn tfal kontra aġenzija tal-adozzjoni		
4	Rapporti minn ġenituri adottivi kontra membri tal-familja naturali tat-tfal adottati		
5	Rapporti minn ġenituri adottivi kontra ħaddiema tal-aġenzija tal-adozzjoni		
6	Rapporti minn ġenituri adottivi kontra aġenzija tal-adozzjoni		
7	Investigazzjoni ta' rapporti kontra kull ġenitur adottiv		
8	Investigazzjoni ta' rapporti ta' każijiet ta' abbuż tat-tfal ġewwa familji adottivi		
	Oħrajn		
1	Prattika anti-diskriminatorja/opportunitajiet indaqs		
2	*Whistle Blowing*		
3	Aċċertazzjoni tal-Kwalità/Evalwazzjoni tas-servizz		

DIKJARAZZJONI MILL-PERSUNA LEGALMENT RESPONSABBLI

1. Jiena niddikjara li jiena qed naġixxi fil-kapaċità tiegħi bħala l-persuna legalment responsabbli li nimla din l-applikazzjoni.
2. Jiena qed napplika għall-akkreditament tal-aġenzija tal-adozzjoni skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, Kap. 495 tal-Liġijiet ta' Malta
3. Ma' din l-applikazzjoni jiena qed nehmeż dettalji dwar l-Aġenzija u d-dokumenti mitluba ma' din l-applikazzjoni, u naċċetta li nuri dokumenti oħra kif mitluba mill-Awtorità Ċentrali ta' Malta.
4. Jiena naċċetta li nikkopera mal-Awtorità Ċentrali fuq il-proċess ta' verifika mitlub.
5. Jiena nawtorizza l-Awtorità Ċentrali sabiex toħroġ informazzjoni għall-fini ta' din l-applikazzjoni, inkluż il-verifika ta' informazzjoni mogħtija lil l-stess Awtorità għall-fini tal-Att għall-Protezzjoni tad-Data, Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta.
6. Niddikjara li l-informazzjoni li niżżilt f'din l-applikazzjoni u fuq id-dokumenti mehmuża huma vera, korretti u kompluti.
7. Jiena naċċetta li nosserva l-kundizzjonijiet li joħorġu mill-Awtorità Ċentrali.
8. Jiena naċċetta li nżomm aġġornata l-Awtorità Ċentrali fuq kull tibdil li jista' jaffettwa l-istat ta' akkreditament tal-aġenzija.
9. Jiena niddikjara li qrajt u fhimt l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, Kap. 495 tal-Liġijiet ta' Malta.

_____ _____

Firma tal-Persuna Legalment Responsabbli Data

Din l-applikazzjoni mimlija għandha tintbagħat lill-Awtorità Ċentrali fi ħdan id-Dipartiment tal-i*Standards *fil-Ħarsien Soċjali fl-indirizz 469, Bugeia Institute, Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1012 jew permezz tal-*fax*. Tintbagħat irċevuta għal kull applikazzjoni.

GLOSSARJU	
Organizzazzjoni Privata	Għal skopijiet ta' profit jew għal finijiet mhux ta' profit (organizzazzjoni mhux governattivi).
Organizzazzjoni Pubblika	Entità fejn il-Gvern għandu interessi kontrollati u/jew possessjoni.
Parent Organisation	L-organizzazzjoni li tipposedi u li hija legalment responsabbli tal-Aġenzija tal-Adozzjoni.
Persuni responsabbli fl-Aġenzija tal-Adozzjoni	Il-persuna li legalment hija responsabbli għall-aġenzija tal-Adozzjoni.
L-Amministratur għall-Aġenzija tal-Adozzjoni	Il-persuna awtorizzata minn persuna responsabbli li tamministra fuq bażi ta' kuljum ix-xogħol ta' aġenzija tal-Adozzjoni
Referenzi:	Il-persuna maniġerjali tal-aġenzija tal-adozzjoni hija fid-dover li tipprovdi ismijiet u dettalji ta' kuntatti taż-żewġ referenzi. Referenzi mill-*parent organisation* jew l-aġenzija tal-adozzjoni, l-Awtorità Ċentrali, il-Bord tal-Adozzjoni, il-Bord tal-Appell, familjari u membri tal-familjari huma esklużi. Ir-referenzi għandhom il-fakultà li jixhdu għall-integrità professjonali, kompetenza u ħiliet maniġerjali relevanti għall-immaniġjar tal-aġenzija tal-Adozzjoni. Ir-referenzi għandhom ikunu magħrufa mill-amministratur mhux inqas minn sentejn.

Nota: L-applikanti għandhom jiġu ggwidati mill-kriterji għall-akkreditament tal-Aġenzija tal-Adozzjoni maħruġa mill-Awtorità Ċentrali ta' Malta meta l-applikazzjoni tiġi sottomessa.